# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru: 1452/22/1**

**Emanuel sive' Noel Bileċi (ID 0115163M) u Josephine Bileċi (ID 512255(M)**

**Kontra**

**Reġistratur tal-Qrati Civili u Tribunali u Avukat Dottor Josette Grech fil-kwalita tagħha bħala Kuratur maħtura permezz ta' digriet datat 16 ta' Diċembru 2020 sabiex tidher għall-eventwali kontumaċi Emanuel sive' Noel Bileċi u Josephine Bileċi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Emmanuel u Josephine Bileċi (ir-rikorrenti) tas-27 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta tal-Avukat Josette Grech fil-kwalita' tagħha ta' kuratur maħtura b'digriet datat 16 ta' Diċembru 2020 (l-intimata).

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (l-intimat Reġistratur) tal-1 ta' Novembru 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Għal raġunijiet spjegati fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jridu li din il-Qorti żżomm lill-intimat Reġistratur "*milli jaccetta kwalsiasi cessjoni ta' kwalsiasi wahda mit-tlett kawzi pendenti u li jgib in-numru 842/2015, 274/2016 u 378/2018* u lill-intimata l-oħra fil-kwalita premessa "*milli iccedi l-imsemmija tlett kawzi".*

Għall-aħjar apprezzament ta' dan id-digriet, il-Qorti ser tipproċedi sabiex l-ewwel tikkonsidra dawn it-talbiet fil-konfront tal-intimat Reġistratur u wara kontra l-intimata l-oħra DR. Josette Grech.

*<u>Kontra Ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali</u>*

Il-Qorti tibda biex tirrileva li dan l-intimat għandu importanza fis-sistema ta' organiżżazzjoni tal-Qrati, li tista' tgħid huwa il-ġebla tax-xewka li fuqha tistrieħ il-funzjonament tajjeb tal-Qrati tagħna. L-importanza tar-Reġistratur tisemma' mhux anqas minn 360 darba fil-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Huwa għandu obbligu li jaċċetta u jirċievi l-atti skritturi kollha ta' dawk il-persuni li jridu jirrikorru għas-sistema ta' ġustizzja. Dan tant huwa minnu li artikolu 184(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk :

*"Meta tinqala' xi diffikultà dwar il-preżentata ta'skrittura, ir-reġistratur għandu jgħarraf b'dan lill-parti interessata,<u>iżda ma jistax jirrifjuta li jirċievi l-iskrittura, ħlief meta dan il-Kodiċi espressament jordna jew jagħti s-setgħa lilu li jagħmel hekk.</u> Fil-każ ta' diffikultà bħal din, hu għandu, mill-aktar fiss, jagħmel rapport lill-qorti, u din tagħtih l-ordnijiet meħtieġa sabiex fuqhom huwa jimxi. Iżda hu għandu*

*jirrifjuta li jirċievi skrittura li tkun tikser biċ-ċar id-dispożizzjonijiet tal-artikoli."* (Emfażi ta' din il-Qorti).

Dan ifisser li r-regola ġenerali hi, mhux li jrid jaċċetta iżda li ma jistax jirrifjuta, frażi li fil-fhema ta' din il-Qorti, taċċentwa d-dritt ineluttabbli ta' kull individwu li jkollu aċċess għal Qorti. L-istanzi fejn ir-Reġistratur għandu ma jaċċettax atti huma dawk speċifikati espressament mill-liġi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza fost oħrajn għall-artikolu 156(7) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi li *"Ir-registratur ma għandux jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1) u l-qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors."* (Ara ukoll f'dan is-sens l-artikolu 158(8 (5).(Emfażi tal-Qorti)

Għalhekk mingħajr sanzjoni espressa tal-liġi, l-intimat Reġistratur ma jistax ma jaċċettax atti jew skritturi bħal ma hija nota ta' ċessjoni. Ċaħda mhux awtorizzata mill-liġi ta' skritturi da parti tar-Reġistratur ċerament tkun bi ksur ta' artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u konvenzjoni rispettivament.

Għalhekk isegwi li t-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-Intimat Reġistratur ser ikunu miċħuda stante li huma inattendibbli fil-liġi.

*Kontra Dr. Josette Grech fil-kwalita minnha premessa*

Jibda biex jingħad li talbiet ta' din ix-xorta xejn ma huma spissi u wisq anqas ortodossi. Dak li qed jitolbu ir-rikorrenti huwa, li din l-intimata tinżamm milli tagħmel att bis-saħħa ta' digriet tal-Qorti. Dan id-digriet, li kif qalet il-Qorti tal-appell fis-sentenza esebita mir-rikorrenti stess, la huwa Sentenza u lanqas

digriet interlokutorju. Fil-fhema ta’ din il-Qorti id-digriet huwa meħtieġ b’konsegwenza u sabiex tiġi esegwita’ sentenza li saret ġudikat u ċioe’ dik tal-4 ta’ Marzu 2015 u konfermata fl-appell fit-13 ta’ Lulju 2020. Jekk ma tridx f’dik il-Kawża r-rikorrenti kienu kontumaċi.

Il-Qorti ma tistax tara kif tista’ tilqa’ it-talbiet rikorrenti mingħajr ma tqiegħed fil-perikolu l-Istitut kollu tal-Ġudikat. Ir-riżultat finali ta’ dak li jridu r-rikorrenti huwa li jissospendu l-effetti ta’ deċiżjoni li saret finali. Kieku tagħmel hekk, tkun qed tissospendi Sentenzi li marru in ġudikat, li l-esekuzzjoni tagħhom jistgħu jiġu eċċezzjonalment sospiżi biss espressament mill-liġi bħal ma huwa fil-każ tar-ritrattazzjoni. Dan l-aħħar Istitut jipprovdi għas-sospensjoni fiħ innifsu, mingħajr ħtieġa tal-proċeduri odjerni.

Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar, li tajjeb jew ħażin, l-intimata Avukat, titqies daqsa li kieku kienet parti li tista’ iċċedi l-atti. Meta hija ġiet maħtura li taġixxi bħala kuratur invece tar-rikorrenti rikalċitranti, hi titqies b’finzjoni tal-liġi ai fini tal-Istitut taċ-ċessjoni bħal il-parti li għandha kull dritt li ċċedi l-atti. L-artikolu 906 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta jipprovdi għall-istitut tar-Rinunzja ossia ċessjoni.

Dan l-artikolu jipprevedi istanza waħda fejn iċ-ċessjoni ma jkolliex effett, iżda mhux għaliex ma tiġix aċċettata mir-Reġistratur, iżda minħabba li l-parti l-oħra ma taċċettahiex għaliex iċ-ċessjoni tkun saret bla kondizzjoni (Ara artikolu 908). Iġifieri terġa’ u tgħid, l-oppożizzjoni tispetta lill-parti u mhux lir-Reġistratur.

Illi di piu’, il-liġi larament tindaħal meta l-individwu għandu jew ma għandux jagħmel xi att ġudizzjarju. Eżempju ċar hija l-azzjoni ta’ jattanza, meta l-Qorti

timponi terminu fuq il-konvenut sabiex jagħmel Kawża f'terminu li tiffissa l-Qorti. Għalhekk, il-liġi kjarament tħares favorevolment lejn il-liberta' ta' għażla ta' azzjonijiet u preżentata ta' skritturi minn individwu, element intrinsikament parti minn drittijiet oħra ta' natura Kostituzzjonali.

Minn dan kollu jsegwi li anke fir-rigward tal-intimata Kuratur, it-talbiet rikorrenti ma humiex legalment sostenibbli.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tagħmel referenza għat-talba Anthony Bileċi biex jintervjeni f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti ċaħdet din it-talba u ddisponiet hekk :

"*Rat l-Artiklu 960 fejn jirrizulta b'mod car li l-figura ta' l-intervenut in statu et terminis huwa ammess f'kawza. Dak li ghandha quddiemha l-Qorti llum mhux kawza fis-sens kif trid il-ligi imma huma proceduri ta' natura kawtelatorji. Dan ma jfissirx pero li l-htiega tieghu setghet kien hemm bzonna minhabba l-interess fil-mertu ta' dawn il-proceduri".*

Il-Qorti temmen li ġaladarba r-rikorrenti kienu ċertament jafu bl-esistenza ta' Anthony Bileċi, dan kellu jkun parti anke għal dawn il-proċeduri mhux biss minħabba l-integrita' tad-digriet iżda għaliex għandu jkollu l-opportunita' jgħid il-parti tiegħu. Din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha okkażjoni li tippronunzja ruħha f'dan ir-rigward meta qalet hekk:

"*Għalhekk, ġaladarba dawn il-proċeduri jistgħu jaffettwawh, anke in vista tal-fatt, li kif diġa' ingħad, fi proċeduri bħal dawn ma jistax jipprevali ruħu mill-fakulta' taħt artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, kien neċessarju, li jkun parti f'dawn il-proċeduri formalment. B'hekk jitqiegħed ukoll fil-posizzjoni, li*

*jeżerċita d-drittijiet tiegħu taħt il-liġi, skont il-proċedura apposita, f'każ li ma jaqbilx mad-digriet ta' din il-Qorti. Għalhekk f'dan ir-rigward ir-rikors jonqos, għaliex ma hux sewwa, li din il-Qorti tilqa' talbiet bħal dawn, meta l-interess ta' terzi li jistgħu jintlaqtu bl-effetti ta' dawn il-proċeduri kienu manifestament magħrufa fil-mument li ġew intavolati dawn il-proċeduri."* (Ara **Digriet tal-5 ta' Jannar, 2021 Rikors Numru 1751/2020TA fl-ismijiet Il-Malta Association of Professional Engineers [MAPE] et -vs- Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et**).

Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tiċħad it-talbiet rikorrenti għaliex huma inattendibbli fil-liġi.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-Qorti qiegħda **tiċħad it-talbiet** rikorrenti u konsegwentement **tvarja** d-digriet proviżorja tagħha tas-27 ta' Ottubru 2022 billi tħassru fil-konfront tal-Avukat Kuratur.

**Illum 3, ta' Novembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**